MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 216/2002/1

**Rita Cassar**

**vs**

**John Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 2000 fil-kawza Citaz. Nru. 650/00RCP fl-ismijiet Rita Cassar f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Mark u Isabelle vs John Cassar il-Qorti ddikjarat is-separazzjoni tal-partijiet.

Illi fl-istess sentenza l-Qorti ddikjarat bhala beni parafernali ta' l-attrici l-kamra tas-sodda, l-linfa u s-salott u

ordnat illi dawn jigu assenjati lill-attrici fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tas-sentenza.

Illi l-istess sentenza ddikjarat illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti kienet tikkonsisti fi statwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, *video player*, *video game*, fajjenza, bjankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, *picnic cooler*, *thermos*, zewg sodod tat-tfal, *television, fridge, cooker*, bank tal-kcina, senter, karozza Escort, *stereo* u oggetti tal-kamra tal-banju.

Illi bl-istess sentenza l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xolta u l-Qorti assenjat lill-attrici, bhala sehem mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-istatwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, *video player, video game*, fajjenza u bjankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, *picnic cooler, thermos,* sodda tat-tfal, *television, fridge, cooker,* u *heater*.

Illi minkejja l-ordni tal-Qorti, l-linfa u s-salott, il-bjankerija, il-picnic cooler, thermos, is-sodda tat-tfal, television, fridge, cooker, heater u tapiti qatt ma gew assenjati lill-attrici.

Illi minn dawn l-oggetti fuq indikati l-attrici kull ma trid illum huma l-linfa li hija tal-kristall, il-*fridge* li tinkorpora *freezer* fiha, u *television* tal-marka Grundig.

Illi minkejja interpellat biex jikkonsenja l-imsemmija oggetti, l-konvenut baqa` ma kkonsenjahhomx lill-attrici.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti jassenja lill-attrici l-linfa tal-kristall, il-*fridge* u t-*television* tal-marka Grundig in linea mad-decizjoni tal-Qorti tat-8 ta’ Novembru 2000 fil-kawza Citaz. Numru 650/00RCP fl-ismijiet Rita Cassar f’isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Mark u Isabelle vs John Cassar.

2. Fin-nuqqas tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici somma ta’ flus ekwivalenti ghall-valur ta’ l-oggetti fuq imsemmija –

liema valur ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti *occorrendo* bil-hatra ta’ periti – u dan fi zmien stabbilit minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;
Rat it-talba ta’ l-attrici ta’ l-1 ta’ Ottubru 2001 fejn talbet li tkun ammessa ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Ottubru 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u assenjat bhala difensuri lill-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ta’ l-elenku li lihom imiss it-turn.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-18 t’April 2002 a fol. 17 fejn gie eccepit:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva *stante* li l-konvenut dejjem offra lill-attrici sabiex tigi ghal dak kollu li hu taghha u hi naqset li taghmel dan u qabel din il-kawza ma rcieva l-ebda intimazzjoni jew att gudizjarju iehor minghand l-attrici.

2. Illi din il-kawza saret inutilment ghaliex kienet l-attrici li naqset li tiehu l-oggetti in kwistjoni, tant li madwar sena u nofs ilu kienet marret ghand li-konvenut ma’ zewg marixxalli u meta dawn qalulha jekk kellhiex biex iggorr l-affarijiet qaltilhom li ma riedetx tikri trakk u halliet kollox warajha.

3. Illi barra minn hekk qatt ma kien possibbli li tiehu l-*fridge* u t-*television* ghaliex dawn kienu gew skrappjati qabel ma nqatghet il-kawza ta’ separazzjoni kif jigi ppruvat waqt is-smigh ta’ din il-kawza.

4. Illi kienet l-attrici li naqset li tiehu dak li qed titlob u l-konvenut dejjem offrielha sabiex tiehu l-oggetti li riedet

izda hija dejjem naqset li taghmel dan, tant li ghadu dispost jaghmel dan.

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu ghall-*fridge* u t-television ghandhom jigu michuda *stante* li dawn gew skrappjati qabel ma nqatghet il-kawza tas-separazzjoni u in kwantu ghall-linfa, l-konvenut ilu zmien twil li qal lill-attrici sabiex tehodha.

6. Illi ghalliekk il-konvenut m'ghandux ibati spejjez.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri kif permessi bil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali ta' l-14 ta' Mejju 2002; ta' l-10 ta' Ottubru 2002; ta' l-20 ta' Frar 2003; tal-25 ta' Marzu 2003 fejn il-konvenut iddikjara li l-linfa tista` tittiehed liberament; u tal-21 ta' Mejju 2003 fejn saret trattazzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-15 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici, Rita Cassar** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena nikkonferma mill-gdid dak li ghidt fid-dikjarazzjni tieghi li pprezentajt mac-citazzjoni u cjoe` li b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta Novembru 2000 fil-kawza Citaz. Numru 650/00RCP, fl-ismijiet* ***"Rita Cassar f'isimha propju u ghan-nom tal-minuri Mark u Isabelle vs John Cassar"****, il-Qorti ddikjarat is-separazzjoni tieghi minn ma' zewgi John.*

*Illi fl-istess sentenza l-Oorti ddikjarat bhala beni parafernali tieghi, l-kamra tas-sodda, l-linfa u s-salott u ordnat li dawn jigu assenjati lili fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tas-sentenza.*

*Illi l-istess sentenza ddikjarat li l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet tikkonsisti fi statwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, video player, video game, fajjenza, bjankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, picnic cooler, thermos, zewg sodod tat-tfal, television, fridge, cooker, bank tal-kcina, senter, karozza Escort, stereo u oggetti tal-kamra tal-banju.*

*Illi bl-istess sentenza l-kommunjoni ta' l-akkwisti giet xolta u l-Qorti assenjat lili, bhala sehem mill-komunjoni ta' l-akkwisti, l-istatwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, video player, video game, fajjenza u bankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, picnic cooler, thermos, zewg sodod tat-tfal, television, fridge, cooker* u *heater.*

*Illi minkejja l-ordni tal-Qorti l-linfa u s-salott, il-bjankerija, il-picnic cooler, thermos, zewg sodod tat-tfal, television, fridge, cooker heater u tapiti qatt ma gew assenjati lili.*

*Illi minn dawn l-ogetti fuq indikati kull ma rrid illum huma l-linfa li hija tal-kristall. Il-fridge li tinkorpora freezer fiha u television tal-marka Grundig.*

*Illi jiena tlabt lil zewgi jikkonsenja l-imsemmija oggetti, pero` baqa ma kkonsenjahhomx lili.*

*Illi minn indagni li ghamilt jirrizultali illi television bhal dak assenjat lili jqum mal-mija u hamsin lira (Lm150.00). L-istess il-fridge li tqum mija u hamsin lira (Lm150.00) ukoll. Dwar il-linfa tal-kristall jiena nghid illi fl-1974 din kienet tqum hamsa u tmenin lira (Lm85.00) u linfa ta' l-istess stil u kobor illum tqum hames mitt lira (Lm500) u aktar."*

Illi l-**konvenut John Cassar** fl-affidavit tieghu jghid:-

*“Illi nghid illi fil-kawza ta’ separazzjoni li kelli mal-mara, jiena kont tellajt lill-uliedi biex jixhdu u ma thallewx jixhdu dakinhar li telghu. Il-mara tellghat b’xhud lil ommha u lil huha. Jiena hadd ma qalli biex nerga’ ntella lit-tfal u b’hekk tlift il-kawza.*

*Illi pero’, jiena xorta wahda ridt li lill-mara naghtiha dak kollu li kien hemm fis-sentenza tal-Qorti.*

*Illi kien il-gimgha u l-mara tieghi giet id-dar ma’ zewg Marixxalli tal-Qorti. Jiena ma kontx id-dar u kont qed nonsob. It-tifel tieghi Patrick Cassar gab lill-Marixxalli fejn kont qed nonsob. Jiena tlajt mal-Marixxalli d-dar tieghi. Il-Marixxalli qaluli li kienu gew sabiex jiehdu l-affarijiet.*

*Illi jiena u t-tfal u l-gharusa ta’ Patrick li jisimha Ruth, bdejna inbattlu l-gwardarobba. Il-mara baqghet barra u l-Marixxalli qaluli li riedu jiehdu l-ghamara, l-linfa, semmmewli t-television u jiena ghidtilhom li kelli l-ircevuta li t-television kien gie skrappjat.*

*Illi l-fridge kienet inkisret u kelli wahda zghira hafna li silfithieli ohti u li ghadha ghandi.*

*Illi l-Marixxalli qaluli li kienu sejrin ikellmu lill-mara isfel. Marru jkellmuha u regghu dahlu d-dar. Qaluli li l-mara riedet biss it-television, il-fridge u l-linfa. Ghedtilhom li t-television u l-fridge kienu mkissrin pero’, l-linfa setghu jehduha. Il-Marixxalli qaluli biex naqla` l-linfa u jien ghidtilhom li fl-elettriku ma nifhimx pero` l-mara setghet iggib electrician jaqlaghha u tehodha. Marru jghidu b’dan lill-mara. Regghu dahlu u qaluli jekk kienx jimporta li tigi ghaliha t-Tnejn peress li l-ghada kien is-Sibt. Jiena stennejtha it-Tnejn pero` ma gie hadd la l-mara u lanqas l-electrician li kellha tqabbad.*

*Illi minn dakinhar qatt ma regghet giet id-dar biex tiehu l-linfa. Il-linfa ghadha d-dar u dispost li naghtihielha.*

*Illi qabel ma telqet mid-dar, il-mara garret hafna affarijiet. Nghid li jiena kont ix-xoghol u meta mort id-dar la sibt lill-mara u lanqas lit-tifla.*

*Illi l-mara garret dak kollu li setghet fosthom il-fajjenza kollha, lozor, kutri, tapiti, d-deheb kollu taghha u tat-tifla. Haditli wkoll anke curkett li kien tani n-nannu u thermos li kien ghadni nixtri biex niehdu meta mmur nonsob. Hadet tliet heaters, hadida tal-moghdija, hadet ir-radio cassette, il-video, playstation etc.*

*Illi jiena dejjem bqajt dispost li naghtiha l-linfa u meta trid tista tigi tehodha. It-television u l-fridge inkisru.*

*Illi waqt is-smigh tal-kawza riedet il-magna tal-hjata u jien tajthielha. Kienet giet mal-Pulizija u haditha.*

*Illi meta giet mal-Marixxalli jiena hallejtha tiehu li trid, minnha naqas li ma regghetx giet."*

**ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi b’sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Rita Cassar pro et noe vs John Cassar”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000 gie deciz fil-kawza ta’ separazzjoni bejn l-istess partijiet hemm indikati, li huma l-partijiet odjerni, is-segwenti dwar l-oggetti parafernali u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u cjoe`:

*“3. (a) Tiddikjara bhala beni parafernali tal-attrici l-kamra tas-sodda, l-linfa u s-salott, u tordna li tali oggetti, jekk mhux gia fil-pussess ta’ l-attrici, ghandhom jigu ikkonsenjati lilha mill-konvenut fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.*

*(b) Tiddikjara li l-komunjoni ta’ l-akwisti kienet tikkonsisti fi statwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, video player, video game, fajjenza, bjankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, picnic cooler, thermos, zewg sodod tat-tfal, television, fridge, cooker, bank tal-kcina, senter, karozza Escort, stereo u oggetti tal-kamra tal-banju.*

*(c) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, il-konjugi Cassar u tordna wkoll li:*

*(i) jigu assenjati lill-attrici bhala sehem mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-istatwi, kolonna, tapiti, magna tal-hjata, d-deheb tat-tifla, video player, video game, fajjenza u bjankerija, oggetti tal-kcina, arlogg, picnic cooler, thermos, sodda tat-tfal, television, fridge, cooker, heater u tapiti;*

*(ii) jigu assenjati lill-konvenut bhala sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti l-karozza Escort, is-senter, il-bank tal-kcina, l-oggetti tal-kamra tal-banju u sodda tat-tfal.”*

Illi l-kawza odjerna qed issir *stante* li l-attrici qed tallega illi *nonostante* din id-decizjoni tal-Qorti, l-konvenut naqas li jikkonsenjalha l-linfa, s-salott, il-bjankerija, il-*picnic cooler*, *thermos*, sodda tat-tfal, *television, fridge, cooker*, *heater* u tapiti. Izda l-attrici illimitat it-talba odjerna biss ghall-linfa, il-*fridge* u t-*television* tal-marka Grundig li dejjem qed tghid li l-konvenut naqas li jikkonsenja.

Illi l-konvenut minn naha l-ohra qed jghid li kienet l-attrici li naqset li tiehu dawn l-oggetti u ghalhekk it-talba hija wkoll intempestiva.  Fir-rigward tal-*fridge* u t-*television* qed jghid li l-istess kienu skrappjati qabel ma nqatghet il-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fuq citata.

Illi l-Qorti rat is-sentenza minnha moghtija fit-8 ta' Novembru 2000 u apparti d-*decide* fuq indikat ghal dak li jirrigwarda l-mertu ta' din il-kawza jinghad ukoll illi mill-provi prodotti f'dik il-kawza l-konvenut fl-ebda stadju ta' l-istess qatt ma indika li l-imsemmija *television* u *fridge* kienu skrappjati.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza nghad is-segwenti:
*"Illi l-attrici sostniet li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti f'zewg statwi u kolonna, f'mejda u television, zewg sodod tat-tfal, cooker, kamra tal-banju u kcina (a fol. 30), karozza Escort u senter li jiswa' Lm400.*

*Illi sostniet ukoll li linfa, salott u kamra tas-sodda huma parafernali taghha.*

*Illi l-konvenut sostna li cooker, bank tal-kcina, heater, linfa, television, magna tal-hjata, deheb tat-tfal, affarijiet tal-kcina, fajjenza u bjankerija, video game u video player, stereo, arlogg, picnic cooler u thermos huma beni tal-komunjoni.*

*Illi l-attrici sostniet li l-istatwi, l-kolonna, tliet tapiti, sett tal-kamra tas-sodda tal-hgieg, video player u video game u d-deheb tat-tifla jinsabu ghandha."*

Illi huwa vera li f'din il-kawza l-konvenut esebixxa dokument mill-PBS Limited datat 24 ta' Lulju 2000 fejn jindika li f'dik id-data kien skrappjat *television,* pero` minn imkien ma jirrizulta li dan kien l-istess *television* mertu tal-kawza odjerna u fi kwalunkwe kaz tali dokument qatt ma kien jifforma parti mill-process tal-kawza ta' separazzjoni. Fi kwalunkwe kaz dak li kellu jaghmel il-konvenut skond l-istess sentenza kien biss li jikkonsenja l-istess televizjoni lill-attrici, izda jidher li dan il-konvenut m'ghamlux.

Illi ghalhekk dak li qed jallega l-konvenut illum ma jistax jigi accettat kemm ghaliex m'huwiex u qatt m'ghandu jkun l-iskop ta' din il-kawza li tipprova tbiddel id-*decide* ta' kawza li ghaddiet in gudikat, u kif ukoll ghaliex tali kawza qatt ma tista' sservi sabiex tiffrusta jew tipprova tevita li tigi esegwita sentenza tal-Qorti u jidher li almenu ghal zewgt oggetti dak li qed jipprova jaghmel illum il-konvenut. Dan apparti illi minn kif indikat fis-sentenza fuq citata, l-ebda wahda mill-partijiet ghalhekk inkluz il-konvenut odjern, ma ndika lill-Qorti li xi wiehed mill-oggetti fuq elenkati fl-istess sentenza, w allura wkoll dawk li huma mertu ta' din il-kawza ma kenux jezistu.

Illi din il-Qorti, skond il-gurisprudenza kostanti ghandha l-obbligu li tara li s-sentenzi moghtija mill-Qrati jigu fil-fatt esegwiti *in buona fede* u l-istess Qorti hekk mitluba ghandha wkoll l-obbligu u d-dover li tara li l-istess sentenzi ta' Qrati nostrali ma jigux eluzi u ghandu jinstab mezz idoneju sabiex kull sentenza tal-Qorti tigi fil-fatt attwata.

Illi *in vista* ta' dan, mill-provi prodotti jirrizulta li diversi oggetti kif elenkat fil-fatt l-attrici, ma gewx ikkonsenjati mill-konvenut lill-attrici kif ordnat, izda jidher li l-attrici ipprocediet biss ghall-konsenja dovuta lilha skond l-istess sentenza tal-linfa, *fridge* u *television*, u mill-provi prodotti jirrizulta ammess li *in verita* l-istess oggetti qatt ma gew konsenjati mill-konvenut lill-attrici u certament li rigward l-imsemmija linfa li hija proprejta` parafernali ta' l-attrici, dan lanqas sar mill-konvenut fit-terminu lilu ndikat ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' l-istess sentenza.

Illi ghalhekk *in vista* ta' dan kollu jirrizulta li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha billi fl-ewwel lok il-konvenut jinghata terminu mid-data tas-sentenza sabiex jirritorna l-istess oggetti lilha billi jikkonsenjhom fir-residenza taghha u fin-nuqqas ihallas il-valur ta' kull oggett li ma jigix minnu hekk konsenjat.

Illi rigward il-valuri ta' l-istess oggetti, l-attrici ssottomettiet li *television* u *fridge* bhal dawk li kellha, iqumu llum mija u hamsin lira Maltin (Lm150) –il wiehed filwaqt li l-linfa

kienet tiswa hamsa u tmenin liri Maltin (Lm85) u wahda ta' l-istess kobor u stil illum tqum mill-anqas hames mitt lira Maltin (Lm500). Illi ovvjament il-Qorti tinnota li dawn l-ammonti bl-ebda mod ma gew sostanzjati b'xi ricevuti jew stimi relattivi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax toqghod fuq l-istess valuri. Illi tinota wkoll, li ghar-rigward l-oggetti kollha ndikati izda partikolarment ghall-*fridge* u t-*television* dawn ma kenux godda w allura l-valur taghhom ma jistax jittiehed bhala godda u dan apparti dak li qed jallega l-konvenut dwar l-istess oggetti. Dwar il-linfa certament li l-valur li fuqu qed tibbaza l-istima taghha l-attrici ma jidhirx li hu sostanzjat bl-ebda mod u ghalhekk *in vista* ta' dan il-Qorti qed ikollha timxi fuq kalkolazzjoni tal-valur iffissat minnha *buoni viri*.

Illi f'dan is-sens tiffissa l-valur tat-*television* u l-*fridge* ghal dak ta' hamsin lira Maltin (Lm50)-il wiehed u l-linfa tal-kristall fl-ammont ta' mitjen u hamsin lira Maltin (Lm250), b'dan li fin-nuqqas li l-konvenut jonqos li jikkonsenja wiehed mill-oggetti fuq indikati jew kollha, jhallas il-valur hawn iffissat ghal kull oggett mhux konsenjat jew ghall-oggetti kollha skond kif ikun il-kaz.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jassenja lill-attrici l-linfa tal-kristall, il-*fridge* u t-*television* tal-marka Grundig *in linea* mad-decizjoni tal-Qorti tat-8 ta' Novembru 2000 fil-kawza Citaz. Numru 650/00RCP fl-ismijiet **"Rita Cassar f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Mark u Isabelle vs John Cassar"**.

2. Fin-nuqqas li l-konvenut jaderixxi ruhu ma' l-istess terminu fuq indikat, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) f'kaz li ma jigix konsenjat l-istess *television*, is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) f'kaz li ma tigix konsenjata il-*fridge*, u s-

somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) jekk fl-istess terminu ma tigix konsenjata lill-attrici il-linfa tal-kristall, b’dan ghalhekk li jekk il-konvenut jonqos li f’tali terminu jikkonsenja lill-attrici t-tlett oggetti kollha ndikati fl-ewwel talba, huwa tenut li jhallas lill-attrici l-ammont globali ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), liema valuri ghal kull oggett gew stabbiliti mill-Qorti arbitro *buoni viri*.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghax legali mid-data meta l-istess valuri ta’ l-oggetti rispettivi fuq indikati jigu talvolta dovuti skond din is-sentenza mill-konvenut sa l-effettiv pagament kollox kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------